# Jum il-Vitorja
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Settembru 2024

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Dawl tal-glorja ta' Missierek,
Verb ta' dejjem, ejja fostna,
għax mingħajr il-grazzja tiegħek
jaqgħu fuqna d-dlam u l-biża'.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jekk nimtlew bl-Ispirtu tiegħek,
jiġi Alla jgħammar fina,
u jsaħħaħna bħal fortizza
kontra l-ħbit tal-għadu tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk il-ħajja w ħtiġijietha
ma jħarbtux is-sliem ta' ruħna,
iżda ngħixu hienja w kwieti
fil-ħarsien tal-liġi tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fik inqiegħdu t-tama tagħna,
Għax biss bik niksbu kull rebħa,
u kull qawwa u kull setgħa
kontra l-ħbit tal-għadu ħajjen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Jumejn oħra niċċelebraw it-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, tifkira li ilha ssir għal ħafna sekli fil-Knisja kollha, imma aħna l-Maltin niċċelebrawha b'solennità ikbar għax mal-jum tat-8 ta' Settembru huma marbutin rebħiet importanti għal ġensna li fihom missirijietna raw l-interċessjoni diretta ta' Omm Alla.
U sa mill-1922 din il-ġurnata ġiet magħżulha mill-ewwel parlament Malti bħala Jum Nazzjonali, jum li fih jiġbor l-identità tan-nazzjon tagħna mmarkata mid-dawl tal-fidi li ħaddan bħala tiegħu. Hija tassew sinifikanti r-rabta bejn it-twelid

ta' Marija, li permezz tagħha twieled il-Feddej, u l-uġigħ tal-ħlas sakemm twieled in-nazzjon indipendenti u ħieles tagħna. Hemm ġrajja ta' salvazzjoni li tkompli sseħħ fil-ġrajjiet il-kbar tal-istorja imma wkoll f'dawk iżgħar, iktar familjari jew personali, u li kollha b'xi mod huma akkumpanjati mill-figura ta' din l-Omm. Għalhekk, ejjew, f'dan il-ħin ta' adorazzjoni Ewkaristika, b'dan f'moħħna, induru lejn il-Mulej u nissieħbu ma' Marija fil-qima tagħna lejh bħala s-Sid tas-Sidien u, magħha u bħalha, inkomplu nidħlu għal art twelidna u għal dawk kollha li jgħammru fuqha, bla distinzjoni ta' razza, kulur, ġeneru, jew qagħda soċjali, u wkoll ninterċedu għall-paċi fid-dinja.

## Innu Ewkaristiku – *Għedtilna Kelma*

**Qari mill-Ktieb ta' Ġożwè** (24, 1-2a. 15-17. 18b)

F'dak iż-żmien, Ġożwè ġema' t-tribujiet kollha ta' Iżrael f'Sikem u sejjaħ lix-xjuħ, lill-kapijiet, lill-imħallfin, lill-uffiċjali u resqu quddiem Alla. U Ġożwè qal lill-poplu kollu: "Jekk ma jogħġobkomx taqdu l-Mulej, għażlu llum lil min tridu taqdu; jekk hux l-allat li kienu jaqdu missirijietkom lil hemm mix-xmara, jew l-allat tal-Amurrin li f'arthom qegħdin tgħammru. Imma jien u dari naqdu l-Mulej".
U l-poplu kollu wieġeb u qal: "Ma jkun qatt li aħna nħallu l-Mulej biex naqdu allat oħra! Għax kien il-Mulej, Alla tagħna, li talla' lilna u 'l missirijietna mill-art tal-Egittu, minn dar il-jasar, u li għamel quddiemna stess dawn il-ħwejjeġ kbar, u ħarisna matul it-triq kollha li minnha għaddejna u fost il-popli li minn ġo nofshom qsamna. Għalhekk aħna wkoll lill-Mulej naqdu, għaliex hu Alla tagħna."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Mulej Ġesù, xi Ħdud ilu, il-Knisja poġġiet quddiemna dan il-qari li fih, kif smajna, wara li l-poplu kiseb l-art li Alla kien wiegħed lil Abraham, lil Iżakk, lil Ġakobb, u mill-ġdid lill-poplu kollu permezz ta' Mosè, issa qabel ma kulħadd imur fl-art li missitu, quddiem il-poplu tpoġġiet id-deċiżjoni importanti dwar il-fedeltà tagħhom lejn il-patt li twettaq magħhom fuq is-Sinaj. Hija deċiżjoni li titpoġġa quddiem il-poplu kollu jekk hux iżomm mal-kelma tal-patt jew le.
Il-ġrajja tal-poplu tiegħek nafu kif tkompli, b'sensiela ta' suċċessi u fallimenti, stqarrijiet ta' fidi u ċaħdiet, jitbandlu bħal pendlu bejn il-qima lilek u l-qima lill-allat tal-ġnus ta' madwarhom. Anke l-ġrajja tal-poplu nafuha. Ġrajja miktuba bid-demm tal-qalbenin jew bl-għaraq tal-beżżiegħa. Ġrajja miktuba b'ittra tad-deheb u oħrajn imħarbxin bl-inka u moħbija f'xi kaxxa mudlama, kemm jista' jkun minsija minn kulħadd. Hija wkoll ġrajja ta' fedeltà: tal-fedeltà tiegħek lejna li, permezz ta' Ommok Marija, ma ħallejtna qatt iltima, imma wkoll tal-fedeltà u l-

fidi ta' Missirijietna, li żgur ma kinitx perfetta imma f'mumenti differenti wriet ruħha fil-qlubija kontra kull loġika għajr il-fiduċja fis-setgħa tiegħek li tħenn għaċ-ċkejknin u d-dgħajfin li jibżgħu minnek.
Mulej Ġesù, nistħajjel li din l-għażla qed titpoġġa quddiemna wkoll, hekk kif fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin se nkunu qed infakkru s-60 sena mill-Indipendenza u l-50 sena mir-Repubblika. Mulej, nixtiequ rroddulek ħajr tal-mixja tiegħek magħna f'dawk is-snin tant ta' sfidi sabiex Malta indipendenti u repubblika timmatura fl-għarfien tal-identità tagħha u tqum fuq saqajha bħala stat ħieles u li għandu x'joffri lill-komunità tal-bnedmin.
Iżda jeħtieġ li quddiemna nħallu titpoġġa din il-ġrajja li minħabba fiha ssaraw u batew missirijietna, u forsi aħna wkoll, sabiex nieqfu u ngħarblu lilna nfusna: Nieqfu biex niftakru mill-ġdid il-valuri li fuqhom hu msejjes il-ġens tagħna. Nieqfu biex naraw jekk għadniex fidili lejn il-ħolm tal-bidu msejjes fuq il-fidi fik u l-ħarsien ta' Ommok Marija bħala għejun u ħarsien tal-identità tagħna. Nieqfu biex, qabel ma nkomplu l-mixja 'l quddiem, skont l-eżiġenzi, l-isfidi, u x-xejriet taż-żminijiet, nibqgħu nagħtu tweġiba sinċiera, li toħroġ mill-fond ta' qalbna iktar milli minn fommna biss, għall-għażla li missirijietna għamlu meta rabtu l-kostituzzjoni tagħna miegħek. Nieqfu sabiex, b'mod ġdid u mill-ġdid, bħall-poplu ta' Iżrael, hawn quddiemek aħna wkoll intennu li lilek biss irridu naqdu, għax xejn u ħadd mhu Alla tagħna ħlief inti.

## Innu Ewkaristiku

Sa minn kmieni, it-tradizzjoni Nisranija interpretat l-irwol ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni permezz tal-figura ta' Ġuditta li qatgħet ras Oloferne u ħelset lill-poplu Lhudi mit-theddida tal-ħakkiem barrani. Ejjew aħna wkoll infaħħru lill-Mulej permezz tal-innu ta' radd il-ħajr tal-poplu Lhudi quddiem ir-rebħa li Alla ta lill-poplu tiegħu permezz ta' mara billi flimkien intennu: ***Mulej, tal-għaġeb il-qawwa tiegħek.***

Ġud 16, 1-2. 11. 13-16

Għannu bit-tnabar lil Alla;
għannu biċ-ċimbali lill-Mulej;
insġulu salmi u innijiet;
faħħruh u sejħu ismu. ***R/.***

Il-Mulej hu Alla li jeqred il-gwerer;
waqqaf il-kamp f'nofs il-poplu tiegħu,
ħelisni minn idejn dawk li kienu jiġru warajja.
Għajtu l-magħkusin u l-għadu beża';
għajtu d-dgħajfin, u l-għadu twerwer;
għollew leħinhom, u l-għadu ħarab! ***R/.***

Għanja ġdida jien ngħanni lil Alla tiegħi;
Mulej, int kbir u glorjuż;
tal-għaġeb il-qawwa tiegħek,
ma jegħlbek ħadd! *R/.*

Ħa jaqduk il-ħlejjaq kollha,
għax int għedt kelma, u kollox sar.
Int bgħatt l-ispirtu tiegħek u ħalaqhom;
m'hemm xejn li jieqaf lill-kelma tiegħek. *R/.*

Il-muntanji u l-ibħra jitheżżu mis-sisien;
u l-blat quddiemek jinħall bħax-xama';
iżda għal dawk li jibżgħu minnek;
m'għandekx ħlief ħniena. *R/.*

Ftit jiswa s-sagrifiċċju jfuħ quddiemek;
u ftit li xejn hu x-xaħam tal-vittmi maħruqa;
imma kbir hu għal dejjem min jibża' mill-Mulej. *R/.*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, forsi nistgħu nargumentaw li żminijietna qed juru direzzjoni li titbiegħed mill-ideal li għaraf iħaddan il-poplu Malti, u issa jeħtieġ noħolmu dwar ġejjieni li jinħall minn dan il-'jasar' tal-fidi, biex ngħidu hekk, ħalli jkun jista' jimraħ f'mergħat iktar wiesa'. Imma kif jista' jkollna ġejjieni jekk naqtgħu l-għeruq? Kif nistgħu noħolmu dwar it-toroq li jistgħu jinfetħu quddiemna jekk irridu nwarrbu l-ħolma innoċenti tat-tfulija li, belha kemm hi belha, xorta tibqa' valida għax minn hemm joħroġ min aħna llum u x'nistgħu nkunu 'l quddiem. Għax dak li għad irridu nsiru ma jistax jisponta, jiffjorixxi u jħalli l-frott jekk jinqatgħu l-għeruq.
Mulej Ġesù, żommna ankrati tassew fik u fik biss. Mulej Ġesù, erġa' ċċara quddiemna l-viżjoni tal-libertà ġenwina li ċċajpret mal-mogħdija taż-żmien permezz tal-moda u tal-qtugħ minnek li waħdek tista' tagħti l-libertà vera.
*(adorazzjoni fis-skiet)*

Aħna u nqarrbu t-tmiem ta' dan il-ħin ta' adorazzjoni, ejjew irressqu t-talbiet tagħna għall-ħtiġijiet tagħna, tal-poplu tagħna, tal-Knisja u tad-dinja.

- Mulej Ġesù, nitolbuk għall-Knisja li hi hawn f'Malta sabiex ma tehdiex iddawwal it-toroq ta' ġensna bid-dawl tal-Evanġelju. Nitolbu.
- Dawwal moħħ il-mexxejja ta' pajjiżna u ta' dawk li jirrappreżentaw lill-poplu sew lokalment u sew fuq livell internazzjonali, sabiex ma jiċħdu qatt id-dawl tal-verità li tiġi minnek. Nitolbu.

- Bierek il-ħidma ta' dawk kollha li f'pajjiżna jaħdmu favur ir-rispett tad-dinjità ta' kull persuna u l-ħarsien tal-jeddijiet tagħha. Nitolbu.
- Seddaq lil dawk kollha li jaħdmu fis-settur pubbliku sabiex jagħrfu jissuperaw kull interess partiġġan u jħallu lilek iddawwal il-kuxjenza tagħhom. Nitolbu.
- Ferra' l-balzmu tal-ħniena tiegħek fuq dawk li f'pajjiżna qegħdin jgħixu f'kundizzjonijiet diżumani jew huma mogħtija l-ġenb għax barranin u ma napprezzawx l-istejjer u t-tiġrib tagħhom u l-kontribut li qed jagħtu għall-bini ta' pajjiżna. Nitolbu.
- Nitolbuk għal dawk kollha li matul is-seklu tħabtu, batew, jew saħansitra tilfu ħajjithom sabiex iħarsu s-sigurtà u jġibu 'l quddiem l-iżvilupp ta' artna. Nitolbu.

Mulej Ġesù, ħares lil din l-art ħelwa tagħna, u, għat-talb li tressaqlek Ommok Marija għalina, seddaq il-għaqda u s-sliem fostna. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**